Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 95/2016

Il-Pulizja

Spettur Louise Calleja

Vs

Stephen Casha

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Casha detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 286969 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Settembru 2012 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-Imsida u fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. B' ghemil zieni kkorrompa lil *Omissis*, minuri ta' erbatax –il sena;
2. Ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' l-imsemmija minuri *Omissis*;
3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri *Omissis*;

4. Bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indecenti

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija minuri *Omissis* u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti dehrila li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova wkoll li tirrizulta r-rejita' in kwantu jirrigwarda t-tieni u r-raba' mputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat stante li mill-provi migjuba mill-istess Prosekuzzjoni rrizulta minghajr dubju li l-imputat ippartecipa f' attivita' sesswali ma' minuri u li huwa produca materjal indecenti rigwardanti minuri meta ffilmja lill-minuri qed taghmel sess orali fuqu bil-mobile phone tieghu.

Illi l-imputat instab hati ukoll tat-tieni u tar-raba' mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi una volta li l-imputat instab hati ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minuri isegwi li huwa ma setghax jinstab hati ukoll tat-tielet imputazzjoni u cioe' ghar-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur liema mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat instab hati kif ukoll il-mod ripetut li sehhew l-atti li taghhom l-imputat instab hati u fic-cirkostanzi derhila li ghandha timponi piena karcerarja effettiva aktar vicin il-massimu mponibbli. Il-Qorti izda qieset

ukoll il-fatt li jista' jitqies li hemm assorbiment tat-tieni mputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-6 ta' Gunju, 2013 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 203(1), 203(1)(c), 204C(1), 208A(1), 208A(1B), 208A(2), 208A(3)(a), 208A(3)(b), 208AC(1)(b), 208AC(1)(d) u 202(h)(v), 208AC(1)(e), 208AC(2)(a) u 208B tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) mputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu hames (5) snin prigunerija. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma *Omissis* u *Omissis*.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti jhallas lil dan tal-ahhar is-somma ta' €604.89 liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti ordnat d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familjari taghha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stephen Casha pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghoba tirriforma s-sentenza fuq indikata tat-23 ta' Frar, 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma li mhux

hati tat-tielet akkuza, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Stephen Casha huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollhu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-proviprodotti. L-Ewwel Onorabbli Qorti qed tinterpreta x-xhieda ta' *Omissis* ta' 29 ta' jannar, 2013, a fol 121 seq, bhala verzjoni differenti minn dikli tat qabel. Fil-fatt l-interpretazzjoni korretta li kien qed isisr retraction tar-rapport li kienet ghamlet u dan a tenur ta' l-Artikolu 545 tal-Kap. 9. B' hekk ma kienx jezisti aktar l-element ta' bzonn ta' rapport a tenur ta' l-Artikolu203(3) tal-Kap. 9. Huwa mportanti li wiehed kien jirreleva li l-appellant ma kellux rwol imsemmi fl-Artikolu 203(1) (c) peress li sempliciment li kien biss il-partner ta' l-omm *Omissis*. M' huwiex u l-anqas kien responsabbli ghall-edukazzjoni, kura u kustodja tal-minuri. Huwa minnu li kienu jghixu mieghu u fil-fatt *Omissis* tghid li kienet tirrispettah bhala missierha, izda qatt ma kellu rwol formali u l-anqas informali tal-kustodja. Huma kienu jghixu mieghu, sempliciment ghaliex ommhom kellha relazzjoni ma' l-appellant. Ma hemmx digriet jew provi ta' xi responsabilita li l-appellant kellu fil-konfront *Omissis*. B' hekk l-Ewwel akkuza ma tistax tissustixxi.

Illi barra minhekk fis-seduta ta' 27 ta' Novembru, 2012, *Omissis* naqset sabiex tikkonferma l-kwerela / rapport taghha u b' hekk il-proceduri kellhom jieqfu hemm stess.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti tghid li hija aktar konvinta mix-xhieda ta' l-14 ta' Frar, 2013, fejn ikkonfermat ir-rapport taghha kontra l-appellant. Fl-ewwel okkazjoni, fis-27 ta' Novembru, 2012 *Omissis* ma riedetx tixhed u fil-fatt kienet dikjarata bhala hostile witness mill-prosekuzzjoni stess. Imbaghad fid-29 ta' Jannar,

2013 tispjega ghaliex ghamlet rapport falz kontra l-appellant u spjegat fid-dettal il-glied intern li kien hemm fil-familja taghha. Din il-verzjoni kienet kkonfermata minn *Omissis*. Ovvjament il-prosekuzzjoni ma kienetx kuntenta u regghet telghet *Omissis* biex finalment tixhed kif riedet il-prosekuzzjoni. Dan jista' jikkostitwixxi harassement ta' xhud, li minflok tkun libera biex tixhed il-verita, tkun kostretta tixhed dak li jridu l-prosekuzzjoni u jekk ma taghmilx dan jittiehdu proceduri. Fil-fatt fil-verbal ta' l-14 ta' Frar, 2013, jidher li kien hemm inkjesta magisterjali kontra l-minuri *Omissis*. Jekk il-prosekuzzjoni kellha suspett ragonevoli li l-appellant kien qed jaghmel xi tip ta' pressjoni fuq ix-xhud principali, kellu jigi investigat hu u mhux issir pressjoni fuq tifla minorenni sabiex tixhed kif il-prosekuzzjoni riedet. Jidher car li l-minuri ma kellha ebda ghazla ohra ffaccjata b' investigazzjoni kontra taghha u l-biza li tmur il-habs li ccedi u taghti l-verzjoni ezatta li l-prosekuzzjoni rieditha tixhed. L-Ewwel Qorti naqset li telenka din il-pressjoni kbira li ghamlet il-prosekuzzjoni fuq *Omissis* biex tixhed kif riedu huma.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-provi juru li l-filmat fejn *Omissis* kella sess orali kienet fuq il-mobile phone taghha u mhux ta' l-appellant. Kienet hi li dejjem kellha pussess ta' dan il-filmat. Huwa stramb li jekk persuna li jaf li qed jikkometti reat jaghmel fil-film ghal perverzjoni tieghu u jigbed il-film mhux fuq il-mobile tieghu, izda fuq il-mobile tal-vittma. Wiehed li se mai l-appellant jekk wettaq dan id-delitt kien jigbed il-clip fuq il-mobile tieghu. Dan ghal sigurta u forsi ghal perverzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti qieghed jintenta jimpunja id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghaliex jishaq illi l-Ewwel Qorti erronjament tat affidament lill-minuri billi kien hemm inkonsistenza fix-xhieda taghha u dan meta il-minuri *Omissis* irtirat dak kollu li kienet stqarret mal-pulizija meta ghamlet ir-rapport kontra l-appellanti, u kien biss wara li bdiet tigi investigata fuq allegat rapport falz li hija bezghet u ghalhekk regghet tenniet il-verzjoni taghha originali, u li kienet inveritjiera, li kien l-appellanti li abbuza minnha.

Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja. Illi dawn il-kazijiet ta' korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Ikun hemm cirkostanzi ukoll fejn il-minuri tkun reticenti biex taghti x-xhieda taghha u sahansitra jista' jkun li issir 'l hekk imsejjha *retraction*, sabiex il-gudikant jigi iffaccjat mhux biss b'verzjoni konfliggenti bejn it-tnejn minn nies involuti, izda ukoll konfliggenza fil-verzjoni tal-minuri allegatament abbuzat. Sfortunatament dawn it-tip ta' kazijiet ikunu nieqsa minn provi indizzjarji jew cirkostanzjali jew min xhieda korroborattiva ta' terz. Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, u meta ma ikun hemm l-ebda korroborazzjoni ghal verzjonijiet ipprezentati ghal gudizzju tal-Qorti, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[1]"

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had*

[1] Ibid

*the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392) (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn)[2]"

Illi inoltre, "biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti.[3]"

Issa jidher illi l-Ewwel Qorti f'dan il-kaz tat piz kbir lill-komportament tax-xhieda fuq il-pedana u li kien fattur determinanti li wassal ghal gudizzju finali, fattur li sfortunatament din il-Qorti ma tistax taghmel revizjoni tieghu ghalkemm hija moghnija b'*recording* vizwali ta' din ix-xhieda, li x'aktarx inaqqas mill-kwalita tax-xhieda billi minn fuq *recording* ma jistax jigi osservat direttament il-komportament, il-gesti u t-ton tal-vuci tax-xhud, li lilhom l-Ewwel Qorti tat importanza kbira.

Ghalhekk din il-Qorti fliet l-atti processwali kollha sabiex isir ezami ta' diversi cirkostanzi li jistghu jivvulneraw jew jaghtu kredibbilita' lix-xhieda tal-minuri.

Issa apparti ix-xhieda tal-minuri li taghti ix-xhieda taghha fi tlett seduti, u dik tal-akkuzat hemm provi ohra indizzjarji li kollha jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioe' lejn il-htija ta'l-appellanti u ir-riluttanza da parti tal-minuri u

2 Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008
3 Amabile Cauchi vs Gianni Attard – App Krim. 21/05/1955

ommha li b'xi mod jinkriminaw lill-appellanti ghal fatt li sehh biex b'hekk din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma tistax hlief taghti affidabbilita lil dak li stqarret il-minuri fix-xhieda taghha tal-14 ta' Frar 2013 u dak li stqarret quddiem l-Inkwirenti, liema xhieda tinsab esebieta fil-process verbal esebiet bhala dokument NC1 in atti.

Ibda biex din il-Qorti tara li ghandu jinghata piz lix-xhieda ta' omm il-minuri *Omissis*, b'mod specjali lid-dikjarazzjoni li giet rilaxxjata minnha lill-ispettur Louise Calleja, u li tinsab esebieta bhala Dokument MC2 a fol.84 tal-process, fejn din tistqarr illi hija kellha suspett li kien hemm certu kunfidenzi bejn Casha u bintha b'mod specjali meta sabet il-*mobile phone* bil-video clips inkriminatorji, li sussegwentement ghaddiet hi stess lill-pulizija, fejn kien hemm il-filmati tat-tifla taghmel sess orali fuq persuna tas-sess maskili fil-kamra tas-sodda fejn hi kienet torqod mal-*partner* taghha fl-appartament tieghu. L-istess appellanti jammetti fil-kors tax-xhieda tieghu illi l-kamra tas-sodda li tidher f'dawn il-filmati hija proprju il-kamra tas-sodda tieghu.

Illi imbaghad din il-Qorti rat ukoll l-ittra li l-appellanti kien ser jibghat lil *Omissis* u li hi indirizzata lilha fejn dan ta istruzzjonijiet cari lilha u lill-minuri dwar il-mod kif kellhom jixhdu fil-Qorti b'storja ivvintata minnu sabiex huwa jigi ezonerat minn kull htija. Il-Qorti hija moralment konvinta li din l-ittra li instabet mill-gwardjani tal-habs fil-basket ta' Stephen Casha, liema basket kien ser jigi mghoddi lil *Omissis*, kif jikkonferma is-CO150 Emanuel Cassar, kienet inktibet minnu bl-intenzjoni illi jaghmel pressjoni fuq *Omissis* u *Omissis* sabiex jixhdu il-falz fil-Qorti a beneficcju tieghu, kif inghad.

Illi di piu' ghakemm kemm *Omissis* kif ukoll il-minuri *Omissis* jibqghu jinsistu illi kienu marru jaghmlu ir-rapport lill-pulizija ghax gew imgieghla minn ulied l-appellanti *Omissis* u *Omissis*, madanakollu meta l-ghada regghu marru ikellmu lill-ispettur Louise Calleja u esprimew ix-xewqa li jirtiraw ir-rapport li kien sar fil-konfront ta'l-appellanti gurnata qabel, il-

minuri fl-ebda hin ma stqarret illi l-persuna li kienet tidher fil-*video clips* ma kienx l-appellanti, anzi ghalkemm kif inghad xtaqet tirtira r-rapport xorta baqghet tinsisti illi kien Stephen Casha li mieghu kellha dawn l-inkontri sesswali, izda li dan ghamlitu hi minn jeddha u mhux ghax kienet imgieghla, kif fil-fatt imbaghad tixhed quddiem l-Ewwel Qorti. Hemmhekk hija tibqa' tinsisti illi ma tridx taghmel hsara lill-appellanti u li ma tridx li imur il-habs minhabba fiha. Dan ifisser allura illi l-minuri kemm meta taghmel ir-rapport lill-ispettur Calleja, kif ukoll l-ghada meta tmur biex tirtira r-rapport, imbaghad ukoll meta taghti x-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Inkwirenti u finalment meta tixhed quddiem l-Ewwel Qorti fl-14 ta' Frar 2013, tibqa tinsisti illi kien Stephen Casha il-persuna li jidher fil-*video clip* elevat mill-*mobile* taghha, izda li dan sehh bil-kunsens taghha u ghax riedet hi. Dawn il-fatti probatorji allura ma jistghux hlief inisslu ic-certezza morali illi ma kien hadd hlief l-appellanti dik il-persuna li ghamlet l-atti ta' libidine mal-minuri li jidhru fil-*video clips* li huma esebiti in atti.
Issa fl-ewwel deposizzjoni tal-minuri u cioe' f'dik tas-27 ta' Novembru 2012 il-minuri kienet reticenti sabiex taghti ix-xhieda taghha tant illi bdiet tinsisti bis-sahha li ma reditx tixhed. Illi f'din l-ewwel seduta allura jidher illi il-minuri ma hassitx li kellha tixhed sabiex tezonera lill-appellanti mill-htija. Dan ghamlitu iktar tard u cioe' fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2013 u cioe' ftit taz-zmien wara li l-ittra li kien kiteb l-appellanti kienet instabet. Dan qed jinghad ghaliex stranament ghalkemm din l-ittra kienet giet intercettata mill-gwardjani tal-habs, *Omissis* tixhed fatti simili ghal dawk indikati f'dik l-ittra mill-appellanti.

Finalment il-Qorti ma tistax tinjora id-Dokument SC1 esebiet mill-appellanti stess kontenenti diversi ittri li kienu intbaghtu lilu waqt li hu kien qieghed mizmum fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin qabel ma gie moghti il-helsien mill-arrest. Dawn l-ittri intbaghtu lilu allegatament minn *Omissis* u *Omissis*. L-appellanti stess fil-fatt jezebiehom sabiex jindika illi dawn it-tnejn minn nies xortawahda baqghu jikkomunikaw mieghu ghalkemm kienu irrappurtawh lill-pulizija fuq allegat abbuz. Dak li jinjora l-appellanti, izda huwa il-fatt illi z-zewg ittri li jidhru mibghuta lilu mill-istess minuri jikkonfermaw illi kien

hu l-persuna li mieghu ghamlet l-atti sesswali li dehru fuq il-*video clips* u li kienet ghamlet dawn l-atti sesswali minn jeddha u ghax kienet u baqghet thobbu daqslikieku kien l-gharus taghha! Dan ma ihalli l-ebda dubbju allura fuq dak li tistqarr l-minuri fix-xhieda taghha li hija identika ghal dak li tafferma fl-ittra li tibghat lill-appellanti waqt li dan kien ghadu mizmum taht arrest.

Maghmula ghalhekk dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel aggravvju intentat mill-appellanti qed jigi rigettat u din il-Qorti ma issib l-ebda mottiv li jista' igieghla titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti. Marbut ma' dan l-aggravvju dwar l-apprezzament tal-provi l-appellanti jilmenta illi l-agir tal-proskuzzjoni li tellghet lill-minuri tixhed ghall tlett darbiet fejn sahansitra fil-kors ta'l-istess anke bdiet tigi investigata fuq rapport u xhieda falza, seta' wassal sabiex holoq pressjoni fuq ix-xhud sabiex tixhed dak li reditha tixhed il-prosekuzzjoni u mhux li tixhed il-verita. Illi din il-Qorti tqies illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni imxiet sewwa meta ghamlet l-almu taghha biex tinkixef il-verita f'cirkostanzi fejn kien evidenti ghall-ahhar illi l-*parti leza* u l-minuri ma riedux akkost ta' kollox li jitkomplew il-proceduri kontra l-appellanti, li kif johrog mill-provi in atti, stranament it-tnejn kienu ghadom "ihobbuh" minkejja il-mod kif huwa gab ruhu mal-minuri. Illi ghalhekk kien hemm il-htiega illi l-istess minuri ma tkompliex tigi sfruttat minn adulti li suppost ghandhom fdat f'idejhom il-kura u trobbija taghha, izda jidher li minflok jaghtuha l-ghajnuna li ghandha bzonn, ghamlulha iktar hsara, ben konxji illi din il-minuri ghandha problemi ta' imgieba kif jirrizulta mid-dokumenti esebieti mill-appellanti stess bhala Dokument SC2. Tant hu hekk li ghalkemm mizmum taht arrest preventiv jidher illi xortawahda baqa' isir kuntatt bejniethom tant illi din il-Qorti (kif diversament ippresjeduta) cahhdet it-talba ghal helsien mill-arrest fid-digriet taghha tal-21 ta' Dicembru 2012. Kwindi dan l-aggravvju huwa ghal kollox infondat u sewwa ghamlet il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz illi baqghet tirricerka il-verita f'din ix-xibka ta' gideb li kien qed jipprova jibni l-appellanti sabiex jigi ezonerat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

L-appellanti imbaghad jikkontendi illi l-akkuzi fil-konfront tieghu ma jistghux jissusistu u dan billi l-kwerelanti u cioe' *Omissis* u *Omissis* irtiraw il-kwerela minnhom maghmula, liema rinunzja tinsab esebieta a fol. 91 tal-process. L-Avukat Generali minn naha l-ohra jaqbel mad-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti li sabet htija ukoll ghaliex kienu jikkonkorru l-aggravanti indikati fl-artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Issa ghalkemm il-ligi tinnecessita il-kwerela tal-parti leza ghar-reati mahsuba fl-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghar-reat mahsub fl-artikolu 203, hemm eccezzjoni "*meta xi wieħed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, vjolenza domestika kif mfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika, jew flimkien ma' reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku*", f'liema cirkostanzi allura, "*l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.*"

Illi l-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika jipprovdi illi "membru domestiku" ghandu jinkludi fost ohrajn persuni li ighixu fl-istess dar mal-hati u allura *il-vjolenza domestika hija definita kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.*

Issa ghandu jirizulta illi l-minuri kienet tghix flimkien ma'l-appellanti fl-appartament tieghu flimkien ma' ommha u hutha l-ohra u dan billi l-omm kienet tghix f'relazzjoni ma' din il-persuna. Dan jirrizulta *ex admissis* fix-xhieda tal-appellanti stess. Kwindi l-atti sesswali perpetwati mill-appellanti fuq il-minuri anke jekk bil-kunsens ta'l-istess ma jistghux hlief jikkwalifikaw bhala atti ta' vjolenza u abbuz minn persuna adulta fuq minuri fdata lilu fid-dar ta'l-abitazzjoni tieghu. Dan ifisser allura illi dan l-aggravvju hwua infondat billi il-proceduri abbazi ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi ghandhom jitmexxew *ex officio* mill-pulizija. Maghdud dan allura lanqas l-aggravvju marbut mal-applikazzjoni tal-artikolu 203(1)(c) tal-Kodici Kriminali ma jista jigi milqugh. Illi din id-disposizzjoni tal-ligi tikkontempla aggravanti fil-piena meta r-reat isehh "*minn axxendent, mid-demm jew biz-*

*żwieġ, jew minn kwalunkwe wieħed mill-ġenituri adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.*"

Kif inghad mix-xhieda ghandu johrog illi fil-perijodu taz-zmien meta sehhew l-atti sesswali bejn l-appellanti u il-minuri, huma kienu ighixu flimkien bhala familja fir-residenza ta'l-appellanti stess. Dan johrog car anke mill-ittri skambjati bejn l-appellanti u *Omissis* u *Omissis* meta dan kien ghadu taht arrest preventiv, li jilmentaw illi qed ihossu in-nuqqas tal-presenza tieghu f'hajjtihom, fejn jidher illi wahda mill-ulied ta' *Omissis* sahansitra issejjah lill-appellanti bhala "Dad". Kwindi dan l-aggravvju ukoll huwa infondat u qed jigi rigettat.

Ghaldaqstant ghall-motivi kollha hawn fuq migjuba l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

Edwina Grima
Imhallef